MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Numru. 153/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
vs
Jonathan Abela

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jonathan Abela, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 53682(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differeti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u coie' talli fil-21 ta' Frar, 2002 fil-Palm Court Hotel ta' Triq it-Tamar Qawra :

1. Ikkommetta serq ta' mobile phone Nokia, serial no. 350608/10/580179/5 minn kamra numru 105 tal-imsemmija lukanda ghad-detriment ta' Michael Erwin Wise, turist ta' nazzjonalita Ingliza, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

2. Ikkommetta serq ta’ fuq kontanti Maltin u sterlini minn kamra numru 140 tal-istess lukanda ghad-dannu ta’ Nichola Elisabeth Johnson, turista ta’ nazzjonalita Ingliza, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;
3. Ikkommetta serq ta’ flus kontanti Maltin u sterlini, brazzuletta tad-deheb u gizirana tad-deheb minn kamra numru 201, Palm Court Hotel ghad-detriment ta’ Helena Louise Mackenzie, turista ta’ nazzjonalita Ingliza, liema serq huwa kkwalifkat bil-persuna u bil-valur (liema valur ma jaqbizx l-elf lira Maltin);

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-25 ta’ Settembru 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htijiet jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 18, 261(c), 261(d), 267, 268, 279, 280, 281, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokument esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tas-16 ta’ Mejju 2003.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-25 ta’ Settembru tas-sena 2002, issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi irregistra ammissjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi fit-tieni stqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija l-imputat ammetta dak kollu li kien ghamel u stqarr ukoll mal-pulizija illi huwa ghandu

problema peress illi ghandu tarbija minghand tfajla u la jista jara lit-tarbija tieghu u lanqas lit-tfajla peress illi missier it-tfajla kien qieghed jimpedih milli jaghmel dan.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2003 l-Ufficjal Prosekutur qabel mad-difiza illi l-oggetti kollha misruqa mill-imputat gew ritornati lid-derubati.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat illi ghad ghandu ghoxrin (20) sena, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi tillibera lill-imputat taghmel dan bil-kundizzjoni illi l-imputat ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti finalment tordna illi l-imputat jhallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------